TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Suzanne Galea

Vs

Eman Ciantar ezercenti l-kummerc bhala No Leaks

CCT 254/24/MS

26 ta' Frar 2025

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-10 ta' Dicembru 2024 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna l-intimat ihallasha l-ammont ta' elfejn euro (€2,000.00), kwantu ghal €1470.00 prezz imhallas lill-intimat ghal xoghol ta' membrane li ma sarx skond is-sengha u l-arti, u kwantu ghal €530 danni sofferti mir-rikorrenti bhala rizultat ta' dawn ix-xogholijiet hziena.

Ra illi l-intimat, debitatment notifikat, ma deherx u lanqas ipprezenta risposta .

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-gurament

Ra illi fis-seduta tat-12 ta' Frar, il-kawza giet differita gas-sentenza.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi lejn l-ahhar tas-sena 2020 u l-bidu tas-sena 2021 l-intimat gie inkariget iwettaq xoghol ta' membrane fuq il-bejt ţar-rikorrenti. Ir-rikorrenti ghamlet tlett pagamenti b'kollox - wiehed ta' €620.00, iehor ta' €500.00 u pagament ta' €350 - allura hallset €1,470.00 b'kollox. Fl-2021, wara li l-intimat lesta x-xoghol, beda jidhol l-ilma mill-bejt. Cemplet lill-intimat, li min-naha tieghu baghat haddiem li ma kienx kapaci jsewwi l-hsara u minflok beda jsodd kull toqba li sab, sahansitra t-toqba tad-drain. Ir-rikorrenti ndunat b'dan meta ghamlet ix-xita u mis-skylight rat illi kien ingabar hafna ilma. Meta telghet fuq il-bejt rat li t-toqba tad-drain kienet mizduda, tant li meta mbaghad nfetah id-drain, l-ilma nizel b'hafna pressa u kkaguna hsarat fil-katusa tal-girien taghha. Ghakemm ippruvat tkellem lill-intimat biex jirranga

x-xoghol li kien jaghmel, l-intimat baqa' inadempjenti, u baghtitlu tlett ittri bl-avukat u anke qabbdet perit biex jikkonstata x-xoghol li kien sar.

Illi ghalkemm debitament notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smigh, l-intimat baqa' m'ghamilx risposta u ma deherx quddiem dan it-Tribunal biex jaghti x-xhieda tieghu. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux versjoni ohra li b'xi mod tikkontrasta dak li qed tghid ir-rikorrenti, liema versjoni hija verosimili u korroborata b'diversi dokumenti.

Illi t-Tribunal ghandu quddiem rapport tal-Perit Andrew Agius Delicata li ighid testwalment hekk:

*The membrane installations are not done according to standards and general practices. The preparation of this membrane has not been executed properly and due to this the existing membrane is showing signs of weakness and parts of the membrane have also been compromised.*

*It is recommended that the existing membrane is removed completely and replaced. The preparation of such membrane is imperative.*

Illi wara li semghet ir-rikorrent bil-gurament, rat id-dokumenti esebiti u qieset ic-cirkostanzi kollha, it-Tribunal jidhiru illi r-rikorrenti ippruvat l-istanza taghha sal-grad rikjest mill-ligi u li l-kaz taghha jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dak li huwa l-quantum, it-Tribunal ghandu quddiemu l-irecevuti kollha li hallset ir-rikorrenti - u cjoe' €620.00, €350.00 u €500.00 kif ukoll ircevuta ta' €80.00 li hallset ghal xoghol fuq il-katusa tal-girien taghha. Ipprezentant ukoll l-ispejjes illi hija hallset ghar-rapport tal-perit (€177.00) kif ukoll spejjes ohra legali. Abbazi ta' dawn l-ircevuti, it-Tribunal qed jiffissa l-kumpens fl-ammont ta' €1,877.00

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-intimat ihallasha l-ammont ta' elf tmien mija u sebgha u sebghin euro (€1,877.00). Bl-ispejjes kontra l-istess intimat.

**Dr Michela Spiteri, LL.D.**

**Arbitru**